GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIPARTIMENT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

**ĊIRKOLARI**

Referenza: DG DES 01/2025

Mingħand: Ritianne Borg Saliba, Direttur Ġenerali, Dipartiment għal Servizzi Edukattivi

Lil: Segretarju Permanenti
Diretturi Ġenerali / Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Diretturi / Assistenti Diretturi /Kapijiet
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel tal-Istat
Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment

Suġġett: **Sejħa għall-interess għall-ġenituri/kustodji ta' studenti li għandhom *statement of needs* biex iservu f'Kumitat ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Inklużiva fi ħdan l-istess Dipartiment**

Data: 14 ta' Jannar 2025

---

Id-Dipartiment għal Servizzi Edukattivi (DES) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, fl-impenn tiegħu fl-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni 2024-2030, jistieden lill-ġenituri sabiex jingħaqdu f'Kumitat ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Inklużiva. L-involviment tal-ġenituri huwa importanti biex jifforma strutturi u prattiċi edukattivi f'sistema li tagħraf li tippromwovi aċċess ġust għal kull student. Il-Ministeru jemmen li l-ġenituri jġibu għarfien uniku li jista' jsaħħaħ l-inklużjoni u l-integrazzjoni sabiex dawn ikunu realtà għal kull student.

**Ir-rwol tal-Kumitat ta' Ħidma tal-ġenituri/kustodji:**

Il-ġenitur li se jservi fi ħdan il-Kumitat ta' Ħidma se jkunu nvoluti fit-tfassil tal-edukazzjoni inklużiva li tippromwovi aċċess indaqs għall-istudenti kollha. Il-ġenituri jġibu perspettiva imprezzabbli li jistgħu jgħinu lid-Dipartiment għal Servizzi Edukattivi jtejjeb fuq il-proviżjoni ta' kwalità ta' edukazzjoni inklużiva fi ħdan l-iskejjel tiegħu. Għal dan il-għan, il-membri tal-Kumitat ta' Ħidma se jkunu impenjati f'diskussjoni biex:

1. jitjiebu r-riżorsi li huma provduti fl-iskejjel;
2. jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politika tal-inklużjoni;
3. tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u d-Dipartiment għal Servizzi Edukattivi;
4. ikun hemm promozzjoni ta' kultura inklużiva fl-iskejjel.

**Termini u Kundizzjonijiet**

• L-applikanti eliġibbli jridu jkunu ġenituri/kustodji ta' studenti li għandhom *statement of needs* li bħalissa huma rreġistrati fl-iskola obbligatorja;

• L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla f'każ li n-numru ta' applikanti jaqbeż in-numru ta' membri meħtieġa.

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija s-**27 ta' Jannar 2025**. L-applikanti li huma interessati jieħdu sehem, huma mitluba jimlew din il-formola (https://forms.office.com/e/HaM1wYpetz)

Għal aktar informazzjoni kkuntattjaw lid-Dipartiment tas-Servizzi Edukattivi billi tibagħtu imejl f'dan l-indirizz dg.des.educ@gov.mt

Grazzi tal-kollaborazzjoni tagħkom.

**Ritianne Borg Saliba**
**Direttur Ġenerali**
**Dipartiment għal Servizzi Edukattivi**